**Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2005**

# MALTI

## IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

### Kummenti Ġenerali dwar il-karta

### A. Ir-Riżultat

L-eżaminaturi jinnutaw illi l-perċentwali ta' dawk li għaddew mill-eżami tal-Malti din is-sena kienet ta' 77.5%. Għandu jiġi nnotat li fl-2003 kienet ta' 79.8% waqt li fl-2004 kienet 79.5%. L-eżaminaturi jitħassbu meta jaraw li l-perċentwali ta' dawk li għaddew bil-grad Ċ huwa ta' 49.3%. Din hija perċentwali għolja wisq u li turi li għad baqa' ħafna xi jsir fil-mergħa tat-tagħlim tal-lingwa. B'perċentwali hekk għolja f'din il-faxxa jfisser illi wieħed irid jaħdem aktar biex itejjeb l-livell tal-Malti.

Għalhekk l-eżaminaturi jerġgħu jtennu l-appell li għamlu s-sena l-oħra biex isir sforz kollettiv u b'konċentrazzjoni fuq l-erba' ħiliet (smigħ, taħdit, kitba u qari) u mhux bil-konċentrazzjoni fuq kitba u taħriġiet b'ritmu sfrenat għall-eżami.

### B. L-Analiżi Strutturali

Meta wieħed janalizza l-kontenut tal-karta jsib li l-eżaminaturi żammew għajnejhom fuq il-BILANĊ f'dik li hija validità tal-kontenut (sillabu), validità tal-binja (gradazzjoni). Il-bilanċ jinsab kemm fit-taħriġiet partikulari kif ukoll fil-karta kollha in ġenerali. Il-mistoqsijiet fil-karta tal-Malti kienu gradati kif ġej:

Mistoqsijiet litterali (diretti): 36%
Mistoqsijiet ta'diffikulta' medja (inqas diretti): 28%
Mistoqsijiet għall-ogħla ħiliet u kreattività: 36%

### Ċ. Il-Miri tat-Tagħlim

Minkejja l-kummenti li saru fil-bidu ta' dan ir-rapport, l-eżaminaturi jonqsu jekk ma jwasslux l-apprezzament tagħhom lill-għalliema għall-fatt li s-suġġerimenti li huma għamlu fi snin imgħoddija huma riflessi fil-mod kif il-maġġoranza tal-kandidati jattakkaw il-karta tal-Malti. Issa saret drawwa, per eżempju, li l-kandidati jwieġbu t-Taħriġ il-Fehem b'sentenzi sħaħ. L-eżaminaturi huma sodisfatti wkoll li l-peżentazzjoni mill-maġġoranza tal-kandidati tjiebet. Hemm xiehda qawwija li fix-xogħol tal-klassi l-għalliema qegħdin jisħqu fuq il-kalligrafija u l-paragrafar.

Iżda l-eżaminaturi ma jistgħux ma jtennux id-diqa tagħhom dwar in-nuqqas fl-użu ta' l-idjoma għalkemm kitba kreattiva kien hemm mhux ħażin. Mill-iżbalji miflija jidher ċar li għad hemm nuqqas ta' tagħlim tal-lingwa bħala mezz ta' komunikazzjoni. L-enfasi għadu wisq fuq taħriġ għall-eżami.

Jidher ċar li qiegħed jonqos in-numru ta' dawk il-kandidati li qegħdin jibbrillaw fl-eżami tal-Malti.

**Kummenti ta' l-Eżaminaturi**

| **L-ittra / In-numru tal-mistoqsija** | **L-opinjoni ta' l-eżaminaturi dwar il-mistoqsija.** | **Kif wieġbu l-mistoqsija l-kandidati.** |
|---|---|---|
| **A.** | It-Taħriġ il-Fehem kellu storja ta' fantasija, ħelwa u interessanti. Jidher li għoġbot lill-istudenti. Il-mistoqsijiet kienu raġunati ħafna. Forsi kienet xi ftit twila. | Il-kandidati sabu xi ftit ta' diffikultà biex wieġbu mistoqsijiet ta' opinjoni. Xi ftit wieġbu fil-qosor wisq. L-aktar li żbaljaw kienu fil-mistoqsijiet nru. 4, 5, 8 u 10. |
| **B.** | Eżerċizzju li l-istudenti ilhom jitħarrġu fih. Jisħaq fuq tifsir mill-kuntest *a bażi* tal-ħażna tal-vokabularju. Kien kemmxejn ħafif. | Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb. **"Loqma"** gerfxithom xi ftit. |
| **Ċ** | Taħriġ tajjeb u addattat għal dan il-livell. Jeżamina t-tifsir ta' l-idjoma fil-kuntest.. | Għalkemm numru sabiħ wieġbu tajjeb kien hemm ħafna li tilfu l-marki minħabba ortografija ħażina. L-aktar li ħabbtithom kienet in-Nru.4. |
| **D.** | L-istess kummenti bħal taħriġ **Ċ**. | Kien hemm ħafna tweġibiet tajbin iżda bi żbalji esaġerati ta' l-ortografija. |
| **E.** | Fih analiżi grammatikali marbut mal-pronomi mehmużin fil-kuntest. | Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb. Kien hemm numru sew li ma fissrux tajjeb in-Nru. 1 u 4. |
| **F.** | Taħriġ **'CLOZE'** li jittestja ħafna punti mill-grammatika. Laqat ħafna punti grammatikali kif għandu jkun. | Ftit wisq ġabu dan it-taħriġ kollu tajjeb. Dawk li ma fehmux il-linja tal-ħsieb f'din is-silta għamlu ħafna żbalji. L-aktar tliet kelmiet li qanqlu nkwiet kienu **'sbiħ'**, **'moħriet'** u **'qilla'**. |
| **Ġ.** | Taħriġ ieħor **'CLOZE'** ibbażat fuq tema mill-Istudji Soċjali għas-Sitt Sena. Tajjeb ħafna għas-serjetà ta' l-eżami u li jiddetermina min hu tajjeb fis-suġġett. | Għalkemm fil-qofol tiegħu dan it-taħriġ kien imsawwar minn fuq is-sillabu ta' l-Istudji Soċjali, ftit kandidati ġabuh kollu tajjeb. Il-maġġoranza sabuh tqil. Jidher li ftit qabdu l-linja tal-ħsieb. |
| **G.** | Taħriġ ħafif ħafna mibni fuq espressjonijiet ħfief fil-lingwaġġ ta' kuljum. | Xi wħud tilfu marki għax ikkupjaw ħażin. |
| **GĦ.** | Taħriġ il-Fehem b'sifferenza li kien tabilħaqq interessanti. | Numru sew ma mxewx ma dak li talab it-taħriġ. Kellhom iwieġbu b'kelma waħda, iżda ma tawx kas. |
| **H.** | Taħriġ fir-regoli tal-binja tal-verb fil-preżent minn fuq l-imperattiv. | Għalkemm ingħataw eżempju illustrat u kellhom grafika biex tgħinhom ħafna żbaljaw speċjalment għax ma jżommux mudelli. Kien hemm ħafna żbalji ortografiċi u ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | traskuraġni esaġerata. L-aktar li ntilfu marki kien fil-verbi **'Għalaq'** u **'Qagħad'**. |
| **Ħ.** | Taħriġ importanti dwar il-partiċelli u r-regoli marbuta magħhom. | Kienu ftit wisq dawk li ġabu kollox tajjeb. Kien hemm żbalji fejn kellhom jiktbu: **lil kuġinti, bħal tiegħek u għal-lampuki.** |
| **I.** | L-għażla tal-komponimenti kellha firxa tajba b'ħames temi varji u interessanti. Forsi in-Nru. 5 **Kliem ix-Xiħ żomm Fih** sabuh diffiċli. | L-aktar komponiment li ntgħażel kien in-Nru. 3. Jidher li ħafna għażlu dan għax kienu ilhom imrawmin f'tema sempliċi bħal din. L-anqas li ntgħażel kien il-komponiment Nru. 2. Iżda, kif wieħed kien jistenna, il-kapaċità kreattiva ħarġet fl-għażla tal-komponiment Nru. 4. Il-ftit li attakkaw il-komponiment Nru. 1 tabilħaqq li għarfu jargumentaw. Illum irridu nfaħħru lil dawk il-kandidati li qabel kitbu l-komponiment fasslu xi forma ta pjan. Hekk għandu jkun. Il-komponiment Nru. 5 inħass daqsxejn tqil. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li għażluh marru barra mis-suġġett. |

**Kummenti u Suġġerimenti fuq Kull Mistoqsija**

A. Qed tinħass il-ħtieġa li l-istudenti jitrawmu fis-sengħa tad-dibattitu. Dan jgħin biex meta jkunu ffaċċjati b'mistoqsijiet li jirrikjedu opinjoni jagħrfu jiżnu sitwazzjonijiet u jsegwu sewwa linja ta' ħsieb.

B. Jidher li l-għalliema jħarrġu tajjeb lill-istudenti biex jidraw ifissru vokabularju mill-kuntest.

Ċ. It-tifsir ta' l-idjomi fil-kuntest għadu daqsxejn iebes. L-għalliema għandhom joħolqu sitwazzjonijiet fejn l-idjoma tkun ippreżentata f'kuntesti mill-ħajja.

D. L-istess bħal fit-taħriġ Ċ għadna ninnotaw kemm jitħabblu mħuħ fit-tifsir ta' l-idjoma mill-kuntest.

E. Jidher li l-kandidati għandhom bżonn jitħarrgu aktar fl-analiżi grammatikali. Dan l-eżerċizzju kien ibbażat fuq it-tifsira ta' pronomi mehmużin. Għalhekk il-qofol biex wieħed iwieġeb tajjeb kien il-kuntest.

F. Taħriġiet CLOZE ibbażati fuq binja grammatikali qegħdin jagħtu xi ftit inkwiet lill-kandidati. Nissuġġerixxu li, barra t-tagħlim ta' regoli, il-lingwa għandha tintgħallem f'kuntest.

Ġ. F'dan it-taħriġ CLOZE kienu ftit wisq il-kandidati li qabdu l-linja tal-ħsieb. Deher ukoll ċar li ftit kandidati għandhom ħażna tajba ta' vokabularju. Taħriġiet bħal dan ikejlu sew il-livell ta' kompetenza. Għalhekk l-eżaminaturi jħeġġu lill-għalliema biex jaqbdu din il-linja ta' tagħlim.

G. Taħriġ bħal dan, għalkemm ħafif, jittestja kemm il-kandidati jużaw il-lingwa ħajja. L-espressjonijiet idjomatiċi sempliċi wkoll jgħallmu l-lingwa f'kuntest.

GĦ. Din is-sura ta' taħriġ il-fehem tittestja l-loġika ta' l-individwu kif ukoll it-tifsir tal-lingwa u ta' l- idjoma. B'dan il-mod l-istudenti jitħarrġu wkoll biex jidra jagħtu opinjoni.

H. Dan it-taħriġ wera min kien jaf jibni l-grammatika billi jimxi fuq mudelli. L-enfasi għandha tkun fuq l-użu ta' mudelli

Ħ. Dan kien taħriġ ieħor dwar regoli grammatikali marbutin mal- partiċelli. L-istess bħal ta' qablu l-mudell għandu jkun il-punt tat-tluq.

I. Kien hemm numru sabiħ ta' komponimenti miktubin bis-sens u immaġinattivi. Infaħħru l-inizjattiva ta' ħafna li fasslu pjan qabel kitbu l-komponiment. Dan il-mod jixhed serjetà u organizzazzjoni. Hasra li l-użu ta' l-idjoma qiegħed jonqos. Hija ta diqa li l-eżaminaturi jerġgħu jistqarru li jsibu wisq żbalji ortografiċi u tkissir ta' regoli grammatikali fil-komponimenti. Ta' min jinnota li ħafna kandidati ma jafux jużaw il-punteġġjatura, speċjalment l-ittri kapitali, il-virgola u l-fullstopp.
L-eżaminaturi jisħqu fuq l-għalliema biex il-komponiment argumentattiv ikollu postu fit-temi tal-klassi. Dan jgħin biex l-istudenti jidraw jesponu fehmiet favur jew kontra anke f'dibattitu.

**Konklużjoni**

L-eżaminaturi jaraw li l-karta tal-Malti kienet bilanċjata kif jixraq f'eżami ta' dan il-livell. Din il-karta ttestjat lill-kandidati fl-aktar aspetti importanti tal-lingwa. Kienet karta **Ħabiba** bi grafika li tgħin lill-kandidati jifhmu aħjar. Il-karta, fil-qofol tagħħa, kellha t-TEMA tal-biedja.
L-eżaminaturi jridu jwasslu messaġġ mhux biss lill-għalliema tas-Sitt Sena iżda lill-għalliema kollha mill-Ewwel Sena tal-Primarja. L-eżaminaturi jisħqu fuq l-erba' ħiliet u mhux fuq waħda jew tnejn. Il-Lingwa għandha tintgħallem f'kuntest u mhux b'taħriġiet ikkontrollati fil-grammatika. L-approċċ tematiku jgħin ħafna. Kitba biss bi skop ta' ikkowċjar għall-eżamijiet toħloq żona ta' inkwinament tat-test (Test Pollution Zone). L-istudenti jitgħallmu bħal pappagalli iżda ħadd minnhom ma jistagħna fil-livell lingwistiku.